31 ta' Ottubru, 2008

# KUMITAT MAGĦŻUL
# TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI
# RAPPORT INTERIM

Fis-seduta numru 34 tas-16 ta' Lulju 2008, b'vot unanimu, il-Kamra tad-Deputati adottat Mozzjoni li biha ħatret Kumitat Magħżul bil-kompożizzjoni u bit-termini ta' riferenza kif jidhru fir-Riżoluzzjoni (Anness 1).

Skond ir-Riżoluzzjoni "L-iSpeaker tal-Kamra għandu jirrapporta progress lil din il-Kamra sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru 2008".

Dan hu l-ewwel rapport interim kif titlob ir-Riżoluzzjoni.

Il-Kumitat iltaqa' f'dawn id-dati:

| | |
|---|---|
| Seduta nru. 1 | Il-Ġimgħa, 25 ta' Lulju 2008 |
| Seduta nru. 2 | Il-Ġimgħa, 22 ta' Awissu 2008 |
| Seduta nru. 3 | L-Erbgħa, 3 ta' Settembru 2008 |
| Seduta nru. 4 | Il-Ġimgħa, 26 ta' Settembru 2008 |
| Seduta nru. 5 | It-Tlieta, 7 ta' Ottubru 2008 |
| Seduta nru. 6 | Il-Ġimgħa, 24 ta' Ottubru 2008. |

Fil-ħidma tiegħu l-Kumitat huwa appoġġjat mill-Aġent Skrivan tal-Kamra s-Sinj.a Pauline Abela u mill-Assistent Skrivan tal-Kamra s-Sur Ray Scicluna.

Bl-iskop li l-pubbliku jinżamm informat bis-suġġetti li qed jikkonsidra l-Kumitat u biex is-soċjeta` ċivili tkun tista' tibgħat il-fehmiet, suġġerimenti u r-rakkomandazzjonijiet tagħha dwarhom ġie kkreat indirizz elettroniku selectcommittee@gov.mt filwaqt li numru ta' dokumenti u rapporti tpoġġew fuq taqsima apposta tas-sit elettroniku tal-Parlament www.parliament.gov.mt (Anness 2).

Fil-bidu tal-ħidma tiegħu l-Kumitat għabar id-diversi temi msemmijin fit-termini ta' riferenza fi tliet oqsma ewlenin :

1) It-Tisħiħ tal-Parlament
*(Tisħiħ demokrazija, żieda fir-riżorsi, ħatra ta' Speaker, Deputy Speaker, President tal-Kumitati, pairing, kworum, ħin ta' mistoqsijiet lill-Prim Ministru, ġranet u ħinijiet tas-seduti parlamentari, u aġġornament tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra)*

2) It-Tisħiħ tat-Trasparenza u l-Kontabilita`
*(Tisħiħ tal-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni, tisħiħ tal-istituzzjoni tal-Ombudsman, issikkar fuq konflitt ta' interess ta' Membri Parlamentari, Segretarji Parlamentari u Ministri, u finanzjament pubbliku ta' partiti politiċi)*

3) It-Tisħiħ tal-Kostituzzjoni
*(inkluż titjib fil-Liġi Elettorali u x-xandir f'Malta)*

Fil-bidu tal-ħidma tagħhom il-Membri assumew l-inkarigu li jiffokaw fuq temi differenti skond l-aħjar esperjenza u kompetenza tagħhom u li jirraportaw bil-miktub il-fehmiet u s-suġġerimenti tagħhom lill-Kumitat.

Filwaqt li saret diskussjoni ġenerali fuq id-diversi temi msemmija fir-Riżoluzzjoni, kien hemm il-qbil li l-Kumitat jibda billi jfassal il-ħsebijiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu fuq l-ewwel qasam 'It-Tisħiħ tal-Parlament'.

Bħala parti mill-konsultazzjoni mas-soċjeta` ċivili, il-Kumitat beda billi it-Tlieta, 7 ta' Ottubru 2008 iltaqa' u sema' lill-President Emeritu Dott. Ugo Mifsud Bonnici, u lill-iSpeakers Emeriti t-Tabib Daniel Micallef, in-Nutar Myriam Spiteri Debono u s-sur Anton Tabone.

Nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Ottubru 2008 il-Kumitat organizza laqgħa pubblika fil-Kamra tal-Kumitati li fiha ħadu sehem numru ta' Deputati u dawk li, wara sensiela ta' reklami fil-ġurnali, urew interess li jiġu jagħtu l-kummenti u s-suġġerimenti tagħhom fuq it-tema 'It-Tisħiħ tal-Parlament'.

Fl-aħħar laqgha tal-Kumitat l-Speaker l-Onor Louis Galea u d-Deputy Speaker l-Onor Carmelo Abela, mgħejjunin mill-analisti tar-riċerka tal-Parlament, ippreżentaw abbozz ta' dokument li issa jinsab għall-

konsiderazzjoni tal-Membri tal-Kumitat. L-Speaker u d-Deputy Speaker qed ikomplu bil-ħidma tagħhom biex fil-futur qarib jippreżentaw suġġerimenti għall-aġġornament tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra.

Sadanitant Membri oħra tal-Kumitat diġa` abbozzaw numru ta' *papers* fuq suġġetti differenti li qiegħdin għall-eżami tal-Membri tal-Kumitat li għandu jerġa' jiltaqa' wara li l-Kamra tad-Deputati tlesti x-xogħol li għandha quddiemha konness mal-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2009.

Rapport interim ieħor tal-Kumitat ikun ikopri l-ħidma tiegħu sal-31 ta' Diċembru, 2008.

LOUIS GALEA

(47)

PRIM MINISTRU
MALTA

16 ta' Lulju 2008

**RIŻOLUZZJONI TAL-PRIM MINISTRU GĦALL-ĦATRA TA' KUMITAT MAGĦŻUL**

Peress li fid-diskors tal-ftuħ ta' dan il-Ħdax-il Parlament ġie ddikjarat b'mod espliċitu illi l-Programm tal-Gvern għal din il-Leġiżlatura, jinkludi :

(i) it-tisħiħ tad-demokrazija u t-trasparenza billi jiġi msaħħaħ il-Parlament filwaqt li jiżdidulu r-riżorsi;
(ii) it-tisħiħ tal-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni billi, fost ħwejjeġ oħra, ssir liġi dwar Investigatur Speċjali fi ħdan din il-Kummissjoni;
(iii) it-tisħiħ ta' l-Istituzzjoni tal-Ombudsman billi din l-istituzzjoni tingħata r-responsabbilta` li tikkoordina l-proċessi dwar l-ilmenti amministrattivi fis-settur pubbliku kollu;
(iv) proposta biex issir Liġi dwar il-Finanzjament tal-Partiti Politiċi;
(v) proposta biex, f'kuntest ta' reviżjoni tal-Kostituzzjoni, issir liġi li tkompli ttejjeb is-sistema elettorali; u
(vi) proposta biex issir liġi għat-tisħiħ ta' l-issikkar fuq konflitti ta' interess ta' Membri Parlamentari nkluż proposta leġiżlattiva biex il-Ministri u s-Segretarji Parlamentari jpoġġu fi *Blind Trusts* l-interessi kummerċjali u n-*non-fixed/public investments;*

u peress li ġew imressqa proposti dwar it-tisħiħ tal-Parlament permezz ta' regoli dwar il-ħatra ta' *Speaker*, Deputat *Speaker* u President tal-Kumitati, il-*pairing*, ħin ta' mistoqsijiet lil Prim Ministru, il-ġranet u ħinijiet tas-seduti parlamentari, il-kworum u żieda fir-riżorsi għad-disposizzjoni tal-gruppi parlamentari;

peress illi din il-Kamra taqbel illi għandha ssir diskussjoni dwar ix-xandir pubbliku f'pajjiżna, liema diskussjoni għandha tinkludi wkoll ir-regolamentazzjoni aqwa u aktar effettiva ta' l-istazzjonijiet tal-Partiti Politiċi nkluż x'għandu jkun is-sehem tal-Partiti Politiċi fil-medja lokali;

peress illi din il-Kamra taqbel li dawn kollha huma materji ta' interess nazzjonali u għaldaqstant kull fejn ikun possibli għandu jintlaħaq kunsens bejn iż-żewġ naħat;

għaldaqstant, din il-Kamra tad-Deputati qiegħda tirriżolvi li tinnomina Kumitat Magħżul minn fost il-membri tagħha bil-għan li dan jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Parlament fuq il-materji kollha msemmija f'din ir-riżoluzzjoni;

dan il-Kumitat Magħżul jkun jista jirregola l-proċedura tiegħu minkejja kull provediment fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, nkluż li jisma' jew jirċievi l-opinjoni, suġġerimenti u rakkomandazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili.

Il-Kumitat Magħżul għandu jkun kompost minn tliet membri minn naħa tal-Gvern u tliet membri minn naħa tal-Opposizzjoni u kull naħa tal-Kamra għandha tinnomina tliet membri sostituti.

Il-Kumitat Magħżul għandu jkun presedut mill-i*Speaker* tal-Kamra u, fl-assenza tiegħu, mid-Deputat *Speaker* tal-Kamra.

L-i*Speaker* tal-Kamra għandu jirraporta progress lil din il-Kamra sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru 2008

Il-Kumitat Magħżul huwa kompost minn dawn il-Membri:

għan-naħa tal-Gvern

Membri : L-Onor Tonio Borg
L-Onor Austin Gatt
L-Onor Francis Zammit Dimech

Sostituti : L-Onor Michael Frendo
L-Onor Beppe Fenech Adami
L-Onor Charlo Bonnici

għan-naħa tal-Opposizzjoni

Membri : L-Onor Anglu Farrugia
L-Onor Charles Mangion
L-Onor Karmenu Vella

Sostituti : L-Onor Evarist Bartolo
L-Onor Michael Falzon
L-Onor George Vella

Lawrence Gonzi
Prim Ministru

Anness nru 2

<u>Lista ta' Dokumenti fuq il-*website* uffiċjali tal-Parlament</u>

**Rapporti b'riferenza għall-Kumitat Magħżul tal-Kamra maħtur fl-1987**

Minuti tal-Kumitat
Rapport preliminari
Rakkomandazzjonijiet u kummenti dwar ir-rapport preliminari

(*imqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra fit-23.2.88*)

**Rapport mill-Kummissjoni dwar is-Sistema Elettorali** (Gonzi Report datat Novembru 1994)

**Rapport mill-Kummissjoni dwar il-Finanzjament tal-Partiti Politiċi u tal-Kandidati għall-Elezzjoni Ġenerali** (Galdes Report datat Mejju 1995)
(*imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra f'Ġunju 1995*)

**Proposti għal emendi fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra** (Rapport ta' Dr Ugo Mifsud Bonnici datat Jannar 2001)
(*imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra fit-18.7.07*)

**Riżoluzzjoni parlamentari dwar il-finanzjarmant tal-partiti politċi** (1.10.07)

**"The Case for Autonomy – Strengthening the House of Representatives"** datat Frar 2005
(*imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra mill-iSpeaker fit-30.1.08*)

**Riżoluzzjoni parlamentari li taħtar il-Kumitat Magħżul tal-Kamra** (16.7.08)